

# Il-Ġurnal Ufficijali L 380 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 64

27 ta' Ottubru 2021

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1880 tas-26 ta' Ottubru 2021 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/317 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew (¹) ..... 1
- ★ Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1881 tas-26 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal imidacloprid f'ċerti prodotti jew fuqhom (¹) ..... 5

#### DEĊIJONIJIET

- ★ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1882 tal-25 ta' Ottubru 2021 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament tal-Fond fir-rigward tat-tielet pagament parżjali għall-2021 ..... 20

#### Rettifika

- ★ Rettifika għar-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi propriji u obbligazzjoni jiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollektiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 65, 25.2.2021) ..... 23

(¹) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.





## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

**REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1880****tas-26 ta' Ottubru 2021**

**li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/317 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(6) tiegħi,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħi,

Billi:

- (1) Il-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/317 (¹) fiha żbalji li jaffettwaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin: fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(1), u fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(1) fir-rigward tal-kriterju tal-valutazzjoni tal-konsistenza fuq miri ta' prestazzjoni; fl-Artikolu 21(3) fir-rigward tal-kundizzjoni ta' żona spċificika ta' imposti fit-terminal ikkonċernata; it-tielet subparagrafu, tal-Artikolu 22(5), is-sentenza introduttora fir-rigward taż-żoni tal-imposti li għalihom huma stabbiliti l-kostijiet id-determinati; fit-tieni sentenza tal-Artikolu 22(7), fir-rigward tal-obbligu tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali li jeżaminaw id-dokumenti tal-kontabbilita' rilevanti; fl-Anness I, Taqsima 1, punt 2.1(c), punt 2.2(a)(iii) u punt 2.2(b)(iv), fir-rigward tal-punti ta' dħul jew ħruġ li jintużaw għall-kalkolu ta' indikaturi meta titjira titlaq minn jew tasal fajrūport barra mill-ispazju tal-ajru Ewropew; fl-Anness I, Taqsima 1, punt 3.1(b) fir-rigward tad-definizzjoni ta' "ħin ikkalkulat għat-tlugħ"; fl-Anness I, Taqsima 2, punt 1.2(d) fir-rigward tar-rata ta' ksur tas-separazzjoni minima fl-ispazju tal-ajru; fl-Anness I, Taqsima 2, punt 2.1(b) u punt 2.2(b)(iii) fir-rigward tad-definizzjoni tal-“parti en route”; fl-Anness II, punt 3.3(e), Anness IV, punt 2.1(d)(iii), Anness VII, Tabella 1, punti 3 u 3.4, Anness VII, punt 2.1(i) u Anness XI, punt 1.2(f) fir-rigward tal-kalkolu tal-kost tal-kapital; fl-Anness IV, punt 1.3 rigward il-valuri referenzjarji; fl-Anness VI, punt 1.2(d) u punt 2.1(d) fir-rigward tal-iskop tat-tendenza tar-rapportaġġ tal-obbligi; fl-Anness VI, punt 2.1(a), it-tieni paragrafu fir-rigward tat-tip ta' data koperta mill-eċċeżżjoni; fl-Anness XIII, punt 1.1(a) fir-rigward tal-valuri ta' referenza li jinformaw l-valor tal-pern; kif ukoll fl-Anness XIII, fl-ewwel subparagrafu tal-punt 2.1(a) u fl-ewwel subparagrafu tal-punt 2.1(b) fir-rigward tal-kundizzjoni tal-kalkulazzjoni tal-vantaġġ u l-żvantaġġ finanzjarju.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjoni tal-lingwa Pollakka tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/317 tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjoni jiet bil-lingwi l-oħra mħumiex affettwati.

(¹) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

(²) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10.

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implementazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*(ma japplikax għal-lingwa Maltija)*

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

---





**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1881****tas-26 ta' Ottubru 2021**

**li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għal imidacloprid f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li jorigha minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) u l-Artikolu 49(2) tiegħi,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwi (MRL) għal imidacloprid ġew stabiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 (²), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ressjet opinjoni motivata dwar ir-rieżami tal-MRLs eżistenti għal imidacloprid. L-Awtorità rrakkomandat li d-definizzjoni tar-residwu tiġi stabilita bħala imidacloprid biss. Hija identifikat riskju għall-konsumaturi fir-rigward tal-MRLs għall-iskalora/indivja bil-weraq wesgħin. Għalhekk huwa xieraq li dan l-MRL jitbaxxa għal-limitu spċificu ta' determinazzjoni (LOD). L-Awtorità rrakkomandat li jitbaxxew l-MRLs għall-ġewż Amerikan, il-banana, it-tadam, il-bżär ħelu, il-brunġiel, il-ħjar, il-ħjar tal-pikles, iz-zukkini u l-prodotti li jorigħaw mill-annimali. Jenħtieġ li l-MRLs għal dawk il-prodotti jiġu stabiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità.
- (3) L-Awtorità kkonkludiet li fir-rigward tal-MRLs għall-frott taċ-ċitru, l-għeneb, il-mirtilli, il-cranberries, il-bamja, il-kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx, il-fażola (bil-miżwed u mingħajru), il-piżelli (bil-miżwed u mingħajru), il-fażola, il-karawett, il-kafena u l-ħops, xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u li kienet meħtieġa aktar kunsiderazzjoni mill-manigħers tar-riskju. Billi ma hemmx riskju għall-konsumaturi, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jiġu stabiliti wkoll fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 fil-livell identifikat mill-Awtorità. Se jsir rieżami ta' dawn l-MRLs; ir-rieżami se jqis l-informazzjoni li tkun disponibbli fi żmien sena mill-pubblikkazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (4) Fl-opinjonijiet motivati tal-Awtorità tqiesu l-limiti massimi tar-residwi tal-Codex (CXLs). Fir-rigward tas-CXLs, l-Awtorità kkonkludiet li mhumiex kompatibbli mad-definizzjoni tar-residwu tal-UE u rrakkomandat li s-CXLs eżistenti ma jiġux inklużi fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Huwa għalhekk xieraq li dawk l-MRLs jiġu stabiliti fil-livell identifikat mill-Awtorità.
- (5) Fir-rigward ta' prodotti li fuqhom mhux awtorizzat l-użu tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti kkonċernat, u li għalihom ma teżisti l-ebda tolleranza għall-importazzjoni jew CXL, jenħtieġ li l-MRLs jiġu stabiliti fl-LOD spċificu jew jenħtieġ li jaġplika l-MRL prestabbilit, kif stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(¹) ĠUL 70, 16.3.2005, p. 1.

(²) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Reasoned opinion on the review of the existing maximum residue levels for imidacloprid according to Article 12 of Regulation (EC) No 396/2005. EFSA Journal 2019;17(1):5570.

- (6) Il-Kummissjoni kkonsultat mal-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar ir-residwi tal-pestiċidi fir-rigward tal-bżonn li jiġu addattati ġerti limiti ta' determinazzjoni. Dawn il-laboratorji kkonkludew li għal ġerti komoditajiet, l-iżvilupp tekniku jirrikjedi li jiġu stabbiliti LODs speċifiċi.
- (7) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, il-modifiki xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (8) Is-ħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġoddha permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom tqiesu.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.
- (10) Sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati, ipproċessati u kkunsmati b'mod normali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġament tranzizzjonal iċċall-prodotti li jkunu ġew prodotti qabel il-modifika tal-MRLs u li l-informazzjoni dwarhom turi li qed jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi.
- (11) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs modifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju ruħħom ħalli jkunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġoddha li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.
- (12) L-approvazzjoni tal-imidacloprid skadet fil-1 ta' Diċembru 2020 (3). Kwalunkwe perjodu ta' grazzja li seta' ngħata mill-Istati Membri se jiskadi fl-1 ta' Ġunju 2022. Rieżami ulterjuri tal-livelli massimi ta' residwu huwa previst wara dik id-data.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kunitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Fir-rigward tas-sustanza attiva imidacloprid fil-prodotti kollha u fuq il-prodotti kollha għajr l-indivja bil-weraq wesħquin, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005, kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament, għandu jibqa' japplika għall-prodotti li ġew prodotti fl-Unjoni jew li ġew importati fl-Unjoni qabel is-16 ta' Mejju 2022.

#### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mis-16 ta' Mejju 2022.

(3) ĠU L 370, 6.11.2020, p. 18.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNESS

L-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, tiżdied il-kolonna li ġejja għal imidacloprid:

**"Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi tar-residwi (mg/kg)**

Numru tal-kodiċi (1)	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs (*) (2)	Imidacloprid (3)
0100000	<b>FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR</b>	
0110000	<b>Frott taċ-ċitru</b>	<b>0,9(+)</b>
0110010	Grejpfrut	(+)
0110020	Larinġ	(+)
0110030	Lumi	(+)
0110040	Xkomp	(+)
0110050	Mandolin	(+)
0110990	Oħrajn (2)	(+)
0120000	<b>Ġewż tas-siġar</b>	<b>0,01 (*)</b>
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn (2)	
0130000	<b>Pomu</b>	<b>0,01 (*)</b>
0130010	Tuffieħ	
0130020	Lanġas	
0130030	Sfarġel	
0130040	Naspli	
0130050	Naspli tal-Ġappun	
0130990	Oħrajn (2)	

(1)	(2)	(3)
0140000	<b>Frott tal-għadma</b>	<b>0,01 (*)</b>
0140010	Berquq	
0140020	Ċiras (ħelu)	
0140030	Ħawħ	
0140040	Ģhanbaqar	
0140990	Oħrajn (2)	
0150000	<b>Kukku u frott żgħir ieħor</b>	
0151000	<b>(a) għeneb</b>	<b>0,7(+)</b>
0151010	Għeneb tal-mejda	(+)
0151020	Għeneb għall-inbid	(+)
0152000	<b>(b) frawli</b>	<b>0,01 (*)</b>
0153000	<b>(c) frott tal-kannamiela</b>	<b>0,01 (*)</b>
0153010	Tut	
0153020	Tut salvaġġ	
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	
0153990	Oħrajn (2)	
0154000	<b>(d) frott żgħir u kukku oħrajn</b>	
0154010	Mirtill	5(+)
0154020	Cranberries	5(+)
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)	<b>0,01 (*)</b>
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)	<b>0,01 (*)</b>
0154050	Warda skoċċiża	<b>0,01 (*)</b>
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)	<b>0,01 (*)</b>
0154070	Ģhanżalor/naspli tal-Mediterran	<b>0,01 (*)</b>
0154080	Frott tas-sebuqa	<b>0,01 (*)</b>
0154990	Oħrajn (2)	<b>0,01 (*)</b>
0160000	<b>Frott ta' diversi tipi bl-affarijet li ġejjin:</b>	<b>0,01 (*)</b>
0161000	<b>(a) b'qoxra li tittiekel</b>	
0161010	Tamal	
0161020	Tin	
0161030	Żebbuġ tal-mejda	
0161040	Larinġ ġtal-qsari	
0161050	Karambola	
0161060	Kaki	
0161070	Ģhanbaqar ta' Ġava	
0161990	Oħrajn (2)	

(1)	(2)	(3)
0162000	<b>(b) b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir</b>	
0162010	Frott tal-Kiwi (ahħdar, ahħmar, isfar)	
0162020	Liċċi	
0162030	Frott tal-passjoni	
0162040	Bajtar tax-xewk	
0162050	Tuffieħ stilla	
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja	
0162990	Oħrajn (2)	
0163000	<b>(c) b'qoxra li ma tittikilx, u kbir</b>	
0163010	Avokado	
0163020	Banana	
0163030	Mango	
0163040	Papaja	
0163050	Rummien	
0163060	Ċerimoja	
0163070	Gwava	
0163080	Ananas	
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	
0163100	Durian	
0163110	Il-frotta tal-annona	
0163990	Oħrajn (2)	
0200000	<b>ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT</b>	
0210000	<b>Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi</b>	<b>0,01 (*)</b>
0211000	<b>(a) patata</b>	
0212000	<b>(b) ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi</b>	
0212010	Għeruq tal-kassava	
0212020	Patata ġelwa	
0212030	Jammijiet	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn (2)	
0213000	<b>(c) ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ġelwa</b>	
0213010	Pitravi	
0213020	Zunnarija	
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	
0213040	Għeruq tal-mustarda	
0213050	Artiċokks	
0213060	Zunnarija bajda	
0213070	Tursin ta' Hamburg	
0213080	Ravanell	

(1)	(2)	(3)
0213090	Leħjet il-bodbed	
0213100	Swedes	
0213110	Lift	
0213990	Oħrajn (2)	
0220000	<b>Ħxejjex tal-basla</b>	<b>0,01 (*)</b>
0220010	Tewm	
0220020	Basal	
0220030	Xalotti	
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	
0220990	Oħrajn (2)	
0230000	<b>Ħxejjex tal-frott</b>	
0231000	<b>(a) Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-Solanaceae u tal-familja tal-Malvaceae</b>	
0231010	Tadam	<b>0,3</b>
0231020	Bżar ħelu	<b>0,9</b>
0231030	Brunġiel	<b>0,3</b>
0231040	Bamja	0,5(+)
0231990	Oħrajn (2)	<b>0,01 (*)</b>
0232000	<b>(b) kukurbiti b'qoxra li tittiekel</b>	
0232010	Ħjar	<b>0,5</b>
0232020	Ħjar tal-pikles	<b>0,4</b>
0232030	Zukkini	<b>0,4</b>
0232990	Oħrajn (2)	<b>0,01 (*)</b>
0233000	<b>(c) kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx</b>	<b>0,15(+)</b>
0233010	Bettieħ	(+)
0233020	Qara' aħmar	(+)
0233030	Dulliegħ	(+)
0233990	Oħrajn (2)	(+)
0234000	<b>(d) qamħirrum ħelu</b>	<b>0,01 (*)</b>
0239000	<b>(e) ħxejjex tal-frott oħrajn</b>	<b>0,01 (*)</b>
0240000	<b>Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)</b>	<b>0,01 (*)</b>
0241000	<b>(a) Brassika li tagħmel il-fjuri</b>	
0241010	Brokkli	
0241020	Pastard	
0241990	Oħrajn (2)	

(1)	(2)	(3)
0242000	<b>(b) kaboċċi kkapoċċati</b>	
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	
0242020	Kaboċċa kkapoċċati	
0242990	Oħrajn (2)	
0243000	<b>(c) brassika bil-weraq</b>	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	
0243020	Kaboċċi ("kales")	
0243990	Oħrajn (2)	
0244000	<b>(d) ġdur</b>	
0250000	<b>Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>	
0251000	<b>(a) ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata</b>	<b>0,01 (*)</b>
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	
0251020	Ħass	
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	
0251050	Krexxuni tal-art	
0251060	Aruka	
0251070	Mustarda ħamra	
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	
0251990	Oħrajn (2)	
0252000	<b>(b) spinaċi u weraq simili</b>	<b>0,01 (*)</b>
0252010	Spinaċi	
0252020	Burdlieq	
0252030	Weraq tas-selq	
0252990	Oħrajn (2)	
0253000	<b>(c) weraq tad-dwieli u speċijiet simili</b>	<b>0,01 (*)</b>
0254000	<b>(d) krexxuni</b>	<b>0,01 (*)</b>
0255000	<b>(e) kwejra</b>	<b>0,01 (*)</b>
0256000	<b>(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu</b>	<b>0,05 (*)</b>
0256010	Maxxita	
0256020	Kurrat selvaġġ	
0256030	Weraq tal-karfus	
0256040	Tursin	
0256050	Salvja	
0256060	Klin	
0256070	Timu	

(1)	(2)	(3)
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu	
0256090	Weraq tar-rand	
0256100	Stregun	
0256990	Oħrajn (2)	
0260000	<b>Legumi</b>	
0260010	Fażola (bl-imżiewed)	5(+)
0260020	Fażola (bla mżiewed)	2(+)
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)	5(+)
0260040	Piżelli (bla mżiewed)	2(+)
0260050	Għads	<b>0,01 (*)</b>
0260990	Oħrajn (2)	<b>0,01 (*)</b>
0270000	<b>Ħxejjex biz-zokk</b>	<b>0,01 (*)</b>
0270010	Sprag	
0270020	Kardun	
0270030	Krafes	
0270040	Bużbież ta' Firenze	
0270050	Qaqoċċ	
0270060	Kurrat	
0270070	Rabarbru	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	
0270090	Qlub tal-palm	
0270990	Oħrajn (2)	
0280000	<b>Faqqiegħ, ħażiż u likeni</b>	<b>0,01 (*)</b>
0280010	Faqqiegħ ikkultivat	
0280020	Faqqiegħ salvaġġ	
0280990	Ħażiż u likeni	
0290000	<b>Alka u organiżmi prokarjoti</b>	<b>0,01 (*)</b>
0300000	<b>BUS U ĦEMES</b>	
0300010	Fażola	2(+)
0300020	Għads	<b>0,01 (*)</b>
0300030	Piżelli	<b>0,01 (*)</b>
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	<b>0,01 (*)</b>
0300990	Oħrajn (2)	<b>0,01 (*)</b>
0400000	<b>ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT</b>	
0401000	<b>Żrieragħ taż-żejt</b>	
0401010	Żerriegħha tal-kittien	<b>0,01 (*)</b>
0401020	Karawett	<b>0,5(+)</b>
0401030	Żerriegħha tal-peprin	<b>0,01 (*)</b>
0401040	Ġulġlien	<b>0,01 (*)</b>

(1)	(2)	(3)
0401050	Żerriegħha tal-ġirasol	<b>0,01 (*)</b>
0401060	Żerriegħha tal-lift	<b>0,01 (*)</b>
0401070	Fażola tas-sojja	<b>0,01 (*)</b>
0401080	Żerriegħha tal-mustarda	<b>0,01 (*)</b>
0401090	Żerriegħha tal-qoton	<b>0,01 (*)</b>
0401100	Żerriegħha tal-qara' aħmar	<b>0,01 (*)</b>
0401110	Żrieragħ tal-għosfor	<b>0,01 (*)</b>
0401120	Żerriegħha tal-fiddloqom	<b>0,01 (*)</b>
0401130	Żerriegħha tal- <i>camelina sativa</i>	<b>0,01 (*)</b>
0401140	Qannebusa	<b>0,01 (*)</b>
0401150	Fażola tar-rigħnu	<b>0,01 (*)</b>
0401990	Oħrajin (2)	<b>0,01 (*)</b>
0402000	<b>Frott taż-żejt</b>	<b>0,01 (*)</b>
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt	
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	
0402040	Kapok	
0402990	Oħrajin (2)	
0500000	<b>ĊEREALI</b>	<b>0,01 (*)</b>
0500010	Xgħir	
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajin	
0500030	Qamħirrum	
0500040	Millieġ komuni	
0500050	Ħafur	
0500060	Ross	
0500070	Segala	
0500080	Sorgu	
0500090	Qamħ	
0500990	Oħrajin (2)	
0600000	<b>TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB</b>	
0610000	<b>Tejet</b>	0,05 (*)
0620000	<b>Kafeni</b>	1(+)
0630000	<b>Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:</b>	0,05 (*)
0631000	<b>(a) mill-fjuri</b>	
0631010	Kamumella	
0631020	Ibisku	
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	

(1)	(2)	(3)
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn (2)	
0632000	<b>(b) mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi</b>	
0632010	Frawla	
0632020	Rooibos	
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj	
0632990	Oħrajn (2)	
0633000	<b>(c) mill-għeruq</b>	
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn (2)	
0639000	<b>(d) minn kull parti oħra tal-pjanta</b>	
0640000	<b>Żerriegħa tal-Kawkaw</b>	0,05 (*)
0650000	<b>Ħarrub</b>	0,05 (*)
0700000	<b>HOPS</b>	15(+)
0800000	<b>ĦWAWAR</b>	
0810000	<b>Ħwawar taż-żerriegħa</b>	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Kemmun iswed	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	
0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċemuskata	
0810990	Oħrajn (2)	
0820000	<b>Ħwawar tal-frott</b>	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment	
0820020	Bżar tas-Sichuan	
0820030	Karwija	
0820040	Kardamomu	
0820050	Frott tal-ġnibru	
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)	
0820070	Vanilja	
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi	
0820990	Oħrajn (2)	

(1)	(2)	(3)
0830000	<b>Ħwawar tal-qoxra tas-siġar</b>	0,05 (*)
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn (2)	
0840000	<b>Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomni</b>	
0840010	Għud is-sus	0,05 (*)
0840020	Ġinger (10)	
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda (11)	(+)
0840990	Oħrajn (2)	0,05 (*)
0850000	<b>Ħwawar tal-blanzuni</b>	0,05 (*)
0850010	Imsieme tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn (2)	
0860000	<b>Il-ħwawar ta' qalb il-fjura</b>	0,05 (*)
0860010	Żagħfran	
0860990	Oħrajn (2)	
0870000	<b>Ħwawar tal-aril</b>	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata	
0870990	Oħrajn (2)	
0900000	<b>PJANTI TAZ-ZOKKOR</b>	<b>0,01 (*)</b>
0900010	Pitravi ġelu	
0900020	Kannamieli	
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra	
0900990	Oħrajn (2)	
1000000	<b>PRODOTTI LI JORIĠINA MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI</b>	
1010000	<b>Prodotti bażiċi mill-affarijet li ġejjin:</b>	<b>0,01 (*)</b>
1011000	<b>(a) mill-ħnieżer</b>	
1011010	Muskoli	
1011020	Xaħam	
1011030	Fwied	
1011040	Kliewi	
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1011990	Oħrajn (2)	
1012000	<b>(b) mill-annimali bovini</b>	
1012010	Muskoli	
1012020	Xaħam	
1012030	Fwied	
1012040	Kliewi	

(1)	(2)	(3)
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1012990	Oħrajn (2)	
1013000	<b>(c) min-nagħaq</b>	
1013010	Muskoli	
1013020	Xaħam	
1013030	Fwied	
1013040	Kliewi	
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1013990	Oħrajn (2)	
1014000	<b>(d) mill-mogħoż</b>	
1014010	Muskoli	
1014020	Xaħam	
1014030	Fwied	
1014040	Kliewi	
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1014990	Oħrajn (2)	
1015000	<b>(e) mill-ekwini</b>	
1015010	Muskoli	
1015020	Xaħam	
1015030	Fwied	
1015040	Kliewi	
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1015990	Oħrajn (2)	
1016000	<b>(f) mill-pollam</b>	
1016010	Muskoli	
1016020	Xaħam	
1016030	Fwied	
1016040	Kliewi	
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1016990	Oħrajn (2)	
1017000	<b>(g) minn animali terrestri mrobbijin oħrajn</b>	
1017010	Muskoli	
1017020	Xaħam	
1017030	Fwied	
1017040	Kliewi	
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	
1017990	Oħrajn (2)	

(1)	(2)	(3)
1020000	<b>Ħalib</b>	<b>0,01 (*)</b>
1020010	Bhejjem tal-ifrat	
1020020	Nagħaq	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajin (2)	
1030000	<b>Bajd tal-ħasafar</b>	<b>0,01 (*)</b>
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	
1030030	Wiżżeq	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajin (2)	
1040000	<b>Għasel u prodotti oħrajin tal-apikultura (7)</b>	0,05 (*)
1050000	<b>Amfibji u Rettili</b>	<b>0,01 (*)</b>
1060000	<b>Annimali terrestri invertebrati</b>	<b>0,01 (*)</b>
1070000	<b>Annimali vertebrati terrestri slavaġ</b>	<b>0,01 (*)</b>
1100000	<b>PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)</b>	
1200000	<b>PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI U ŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)</b>	
1300000	<b>PRODOTTI TAL-IKEL IPPROċESSATI (9)</b>	

(\*) Tindika l-limitu tal-kwantifikazzjoni analitika l-aktar baxx

(\*) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li jorġinaw mill-pjanti u mill-annimali li japplikaw l-MRLs għalihom, jenħtieġ li ssir referenza għall-Anness I.

### Imidacloprid

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi u dwar il-metodi analitiċi u/jew konfermatorji bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk tkun ġiet sottomessa sas-27 ta' Ottubru 2022, jew jekk dik l-informazzjoni ma tkunx ġiet sottomessa sa dik id-data, tqis in-nuqqas tagħha.

### 0620000 Kafeni

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni li kienet nieqsa dwar il-provi tar-residwi. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk tkun ġiet sottomessa sas-27 ta' Ottubru 2022, jew jekk dik l-informazzjoni ma tkunx ġiet sottomessa sa dik id-data, tqis in-nuqqas tagħha.

#### 0110000 Frott taċ-ċitru

#### 0110010 Grapefruit

#### 0110020 Larinġ

#### 0110030 Lumi

#### 0110040 Xkomp

#### 0110050 Mandolin

#### 0110990 Oħrajin (2)

#### 0151000 (a)għeneb

#### 0151010 Għeneb tal-mejda

---

**0151020 Għeneb għall-inbid**  
**0154010 Mirtilli**  
**0154020 Cranberries**  
**0231040 Bamja**  
**0233000 (c)kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx**  
**0233010 Bettieħ**  
**0233020 Qara' aħmar**  
**0233030 Dulliegħ**  
**0233990 Oħrajn (2)**  
**0260010 Fażola (bl-imżiewed)**  
**0260020 Fażola (bla mżiewed)**  
**0260030 Piżelli (bl-imżiewed)**  
**0260040 Piżelli (bla mżiewed)**  
**0300010 Fażola**  
**0401020 Karawett**  
**0700000 HOPS**

Il-livell massimu ta' reside applikabbi għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-grupp tal-ħwawar (kodiċi 0840040) huwa dak stabbilit għall-għerq tal-mustarda (*Armoracia rusticana*) fil-kategorija tal-ħaxix fil-grupp tal-ħxejjex tal-għeru u tat-tuberi (kodiċi 0213040), filwaqt li jitqies it-tibdil fil-livelli permezz tal-ipproċessar (it-tnixxif) skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

**0840040 Għerq tal-mustarda (11)"**

---

- (2) fil-Parti A tal-Anness III titħassar il-kolonna għal imidacloprid.
-

## DEĊIJONIJIET

### DECİJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1882

tal-25 ta' Ottubru 2021

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament tal-Fond fir-rigward tat-tielet pagament parzjali għall-2021**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ġdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Shubja AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħi,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(5) tiegħi,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-10 ta' Ottubru 2021 li tistabbilixxi l-ammont tat-tielet ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2021.
- (2) Skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u l-pagamenti fl-istumenti li jimmaniġġa.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jeżawrix Xu l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp ("FEŻ") preċedenti. Għaldaqstant jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-Kummissjoni u għall-BEI.
- (4) Skont l-Artikoli 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika <sup>(3)</sup> ("il-Ftehim dwar il-ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") għandu jibqa' Parti għall-FEŻ sal-egħluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti mhux magħluq. Skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-ħruġ, madankollu, is-sehem tar-Renju Unit ffondi dīżimpenjati minn proġetti taħt il-11-il FEŻ, meta dawk il-fondi jkunu ġew dīżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew FEŻ preċedenti, m'għandux jerġa' jintuża.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1708 <sup>(4)</sup> tistabbilixxi l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-FEŻ għall-2021 għal EUR 3 700 000 000 għall-Kummissjoni Ewropea, u għal EUR 300 000 000 għall-BEI.

<sup>(1)</sup> ĠUL 210, 6.8.2013, p. 1

<sup>(2)</sup> ĠUL 307, 3.12.2018. p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠUL 29, 31.1.2020, p. 7.

<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1708 tat-13 ta' Novembru 2020 dwar il-kontribuzzjoni finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri biex jiffinanzjaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2022, l-ammont annwali għall-2021, l-ewwel pagament parzjali għall-2021 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti tal-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjoni għas-snin 2023 u 2024 (ĠUL 385, 17.11.2020, p. 13).

- (6) Sabiex il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Il-Partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet individwali tal-FEŻ lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, bħala t-tielet pagament parżjali għall-2021, f'konformità mal-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
G. DOVŽAN*

---

## ANNESS

STATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Skema tal-11ax-il FEŻ %	It-tielet t pagament parpjali tal-2021 (fEUR)		Total
		BEI il-11-il FEŻ	Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ	
IL-BELĠJU	3,24927	3 249 270,00	29 243 430,00	32 492 700,00
IL-BULGARIJA	0,21853	218 530,00	1 966 770,00	2 185 300,00
IĊ-ĊEKJA	0,79745	797 450,00	7 177 050,00	7 974 500,00
ID-DANIMARKA	1,98045	1 980 450,00	17 824 050,00	19 804 500,00
IL-ĠERMANJA	20,57980	20 579 800,00	185 218 200,00	205 798 000,00
L-ESTONJA	0,08635	86 350,00	777 150,00	863 500,00
L-IRLANDA	0,94006	940 060,00	8 460 540,00	9 400 600,00
IL-GREĊJA	1,50735	1 507 350,00	13 566 150,00	15 073 500,00
SPANJA	7,93248	7 932 480,00	71 392 320,00	79 324 800,00
FRANZA	17,81269	17 812 690,00	160 314 210,00	178 126 900,00
IL-KROAZJA	0,22518	225 180,00	2 026 620,00	2 251 800,00
L-ITALJA	12,53009	12 530 090,00	112 770 810,00	125 300 900,00
ĊIPRU	0,11162	111 620,00	1 004 580,00	1 116 200,00
IL-LATVJA	0,11612	116 120,00	1 045 080,00	1 161 200,00
IL-LITWANJA	0,18077	180 770,00	1 626 930,00	1 807 700,00
IL-LUSSEMBURGU	0,25509	255 090,00	2 295 810,00	2 550 900,00
L-UNGERIJA	0,61456	614 560,00	5 531 040,00	6 145 600,00
MALTA	0,03801	38 010,00	342 090,00	380 100,00
IN-NETHERLANDS	4,77678	4 776 780,00	42 991 020,00	47 767 800,00
L-AWSTRIJA	2,39757	2 397 570,00	21 578 130,00	23 975 700,00
IL-POLONJA	2,00734	2 007 340,00	18 066 060,00	20 073 400,00
IL-PORTUGALL	1,19679	1 196 790,00	10 771 110,00	11 967 900,00
IR-RUMANIJA	0,71815	718 150,00	6 463 350,00	7 181 500,00
IS-SLOVENJA	0,22452	224 520,00	2 020 680,00	2 245 200,00
IS-SLOVAKKJA	0,37616	376 160,00	3 385 440,00	3 761 600,00
IL-FINLANDJA	1,50909	1 509 090,00	13 581 810,00	15 090 900,00
L-IŻVEZJA	2,93911	2 939 110,00	26 451 990,00	29 391 100,00
IR-RENJU UNIT	14,67862	14 678 620,00	132 107 580,00	146 786 200,00
TOTAL UE-27 U R-RENJU UNIT	100,00	100 000 000,00	900 000 000,00	1 000 000 000,00

**RETTIFIKA**

Rettifika għar-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi propriji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impiċċi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012

(Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea L 65 tal-25 ta' Frar 2021)

Din ir-rettifika għandha titqies nulla u bla effett.

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT